MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2007

Numru. 362/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Andre Apap bin Lawrence u Bernardette nee' Cutajar, imwieled fil-25 ta' April, 1989 u residenti Harmony, Triq Guze' Cremona, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 22789(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Andre Apap li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Jannar, 2007, ghal habta ta' 21:45hrs waqt li kien fi Triq l-Isqof Pace, Rabat, Ghawdex:

1) Saq karozza ta’ ghamla Alfa bin-numru tar-registrazzjoni IBI-782 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kumissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65
2) U aktar talli saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni rigward ir-riskji ta’ terzi persuni (Art 3(1) Kap 104).

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ l-Artikolu 15(1) (a) tal-Kap 65 u l-Artikolu 3 (1) Kap 104;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fuq l-ewwel akkuza u fuq ammissjoni ssibu hati u tikkundannah multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50);

Fuq it-tieni akkuza peress illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova la rigward l-eta’ ta’ l-imputat fi zmien ir-reat u lanqas lanqas prova dwar kopertura ta’ assigurazzjoni;

Fuq nuqqas ta’ provi tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------